MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
# (GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)

**ONOR. IMHALLEF**
**GINO CAMILLERI**

Seduta tal-15 ta' Marzu, 2013

Rikors Numru. 6/2005/1

**Lawrence Grech**

**vs**

**L-Avukat Generali, il-Kummissarju tal-Pulizija,**
**l-Onorevoli Prim Ministru u Ministru tal-Finanzi**

Il-Qorti

Rat ir-rikors kostituzzjonali ta' Lawrence Grech fejn gie premess:-

Illi l-esponent huwa l-editur tal-gazzetta 'The Sunday Times.'

Illi l-esponent gie akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, fit-28 ta' Jannar 2003 fil-kapacita' tieghu bhala editur tal-gazzetta The Sunday Times talli fis-17 ta' Dicembru 2000 (a) ghamel xi riklam li jkun jgharraf lill-pubbliku li xi fond f'Malta jkun li fih jkun isir jew se jsir loghob bhala kazino u dan minghajr il-permessi mehtiega u (b) ghamel xi reklam li jistieden il-pubbliku li jiehu sehem bhala gugatur f'xi loghob li jsir, jew li jkun ser jsir, f'xi fond li fih jkun isir jew se jsir loghob bhala kazino, jew li japplika ghal taghrif dwar l-facilitajiet biex jiehu sehem, bhala gugatur, f'xi loghob li jsir jew li jkun se jsir f'xi fond tbhal dak u dan minghajr il-permessi mehtiega;

Illi l-imsemmija kawza kriminali ghada pendenti quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali.

Illi l-akkuzi hawn fuq imsemmija u li ghalihom jrid jirrispondi l-esponent, huma akkuzi ai termini tas-subartikolu 1 paragrafi (a) u (b) tal-Artikolu 49 tal-'Att Dwar il-Loghob' Kap. 400 tal-Ligijiet ta' Malta, liema jipprovdu s-segwenti:

*"(1) Hadd ma ghandu jaghmel jew igieghel li jsir xi reklam –*
*li jkun jgharraf lill-pubbliku li xi fond f'Malta jkun fond li fih ikun isir jew ikun se jsir il-loghob bhala kazino; jew*
*li jkun jistieden lill-pubbliku li jiehu sehem bhala gugatur f'xi loghob li jsir, jew li jkun se jsir, f'xi fond bhal dak, jew li japplika ghal taghrif dwar facilitajiet biex jiehu sehem, bhala gugatur, f'xi loghob li jsir, jew li jkun se jsir, f'xi fond bhal dak"*

Illi s-subartikolu 1 paragrafi (a) u (b) tal-Artikolu 49 tal-Kap 400 tal-Ligijiet ta' Malta, hawn fuq ikkwotati huma lesivi tad-drittijiet fondamentali u kostituzzjonali tal-esponent, u cioe' tal-Artikolu 41 u tal-Artikolu 32(b) tal-Kostituzzjoni ta' Malta, kif ukoll tad-drittijiet protetti mill-Artikolu 10 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem liema Konvenzjoni tifforma parti mill-Ligijiet ta' Malta abbazi tal-Att XIV tal-1987 stante li r-restrizzjoni tad-

dritt tal-liberta’ ta’ espressjoni kif stabbilit fis-subartikolu 1 paragrafu (a) u (b) tal-Artikolu 49 tal-Kap 400 tal-Ligijiet ta’ Malta la huma gustifikabbli, u/jew la huma ragjonevoli, u/jew la huma mehtiega f’socjeta demokratika kif mehtieg mis-subartikolu 2 tal-Artikolu 41 tal-Kostituzzjoni ta’ Malta u ai termini tas-subartikolu 2 tal-Artikolu 10 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem.

Illi inoltre l-proviso ghall-Artikolu 49 tal-Kap 400 tal-Ligijiet ta’ Malta jipprovdi kif segwenti:-

*“Izda dik ir-restrizzjoni fuq ir-reklamar m’ghandhiex tkun tapplika ghal dawk ir-reklami li jigu pubblikati, murijin jew imxandra barra minn Malta ghad-distribuzzjoni jew cirkolazzjoni taghhom barra minn Malta jew ghal dawk ir-reklami bhalma huma deskritti fis-subartikolu (1) li jintwerew f’imkejjen li jkunu principalment frekwentati minn turisti u li jinkludu ajruporti, portijiet tal-bahar, lukandi u holiday complexes izda ma tinkludix bars u ristoranti.”*

Illi l-proviso tal-Artikolu 49 tal-Kap.400 tal-Ligijiet ta’ Malta hawn fuq ikkwotat huwa diskriminatorju u huwa lesiv tad-drittijiet fondamentali u kostituzzjonali tal-esponent, u cioe’ tal-Artikolu 45 tal-Kostituzzjoni ta’ Malta, kif ukoll tad-drittijiet protetti mill-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem in kwantu dan johloq diskriminazzjoni fil-konfront u a detriment ta’ settur partikolari li jinkludu edituri ta’ gazzetti bhal ma huwa l-esponent.

Ghal dawn ir-ragunijiet ir-rikorrenti qed jitlob li jigi ddikjarat li l-Artikolu 49 tal-Att Dwar il-Loghob Kap.400 tal-Ligijiet ta’ Malta, jilledi d-drittijiet fundamentali u kostituzzjonali ta’ l-esponent kif protetti mill-artikolu 41 u mill-artikolu 32(b) tal-Kostituzzjoni ta’ Malta u l-Artikolu 10 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem, in kwantu jmur kontra l-liberta’ ta’ espressjoni kif ukoll jilledi d-drittijiet fundamentali u kostituzzjonali ta’ l-esponent kif protetti mill-Artikolu 45 tal-Kostituzzjoni ta’ Malta w l-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet Fundamental ital-Bniedem in kwantu joholqu

diskriminazzjoni fuq bazi tal-istess. Li l-Artikolu 49 l-'Att Dwar il-Loghob', Kap 400 tal-Ligijiet ta' Malta jigi ddikjarat null u bla efett u li jinghata kull rimedju iehor necessarju u opportun, biex jigu prottetti d-drittijiet fundamentali ta' l-esponent kif fuq inghad, fosthom li jaqghu l-akkuzi migjuba fil-konfront tal-esponent abbazi tal-Artikolu 49 l-'Att Dwar il-Loghob', Kap 400 tal-Ligijiet ta' Malta.

Bl-ispejjez.

Rat **ir-risposta kongiunta tal-intimati** Avukat Generali, l-Kummissarju tal-Pulizija, l-Onorevoli Prim Ministru u Ministru tal-Finanzi fejn gie sottomess:-

**Eccezzjonijiet Preliminari**

Illi t-talbiet tar-rikorrenti huma frivoli kif diga' gie dikjarat mill-Onorabbli Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fil-proceduri kriminali kontra r-rikorrent nhar is-6 ta' Lulju 2004[1] kif preseduta mill-Magistrat Dennis Montebello.

Illi l-intimati Kummissarju tal-Pulizija u l-Onorevoli Prim Ministru u Ministru tal-Finanzi mhumhiex il-legittimi kontraditturi ghat-talbiet tar-rikorrent stante li huma m'ghandhomx il-funzjoni tal-irregolar tal-loghob f'Malta.

Illi bla pregudizzju ghas-suespost huwa opportun li jigi kjamat fil-kawza c-Chief Executive Officer tal-Awtorita' dwar il-Lotteriji u l-Loghob li hija l-Awtorita' pubblika li tirregola l-loghob.

Illi inoltre l-Artikolu 32 huwa inapplikabbli stante li huwa biss introduzzjoni ghall-lista ta' Drittijiet Umani u ma jistax jigi nvokat kif jidher car mill-Kostituzzjoni nfisha billi fl-Artikolu 46(1) teskludih u ssemmi biss l-Artikoli 33 sa 45.

[1] Il-Qorti tal-Magistrati qalet hekk b'riferenza ghall-Artikolu 49 tal-Kap 400 : "Din hija restrizzjoni esklussiva ghal reklamar ibbazata fuq l-ordni pubbliku u b'ebda mod ma timplika xi restrizzjoni fuq l-espressjoni ta' xi fehma ndividwali dwar il-loghob ikkontemplat fl-Att imsemmi u wisq anqas ma tista' timplika xi diskriminazzjoni kontra min ghandu jaghmel jew igieghel li jsir xi reklam."

**Ebda ksur tal-Artikolu 41 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-Artikolu 10 tal-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem**

Illi l-kaz odjern si tratta ta' allegazzjoni ta' dritt ta' liberta' tal-espressjoni fil-kamp Kummercjali u ghalhekk huwa pacifiku illi dan jista' jigi regolat fl-interess pubbliku partikolarment fil-kuntest ta' protezzjoni tal-konsumatur.

Illi huwa pacifiku wkoll li ghar-ragunijiet suesposti l-liberta' tal-espressjoni fil-kamp Kummercjali tista' tigi regolata aktar minn dik fil-kamp politiku u f'kampijiet ohra ta' espressjoni.

Illi fil-qasam tal-loghob hu car li hu mportanti li jigi protett il-gukatur u li n-nies ma jigux imhajra ndebitament li jilghabu loghob tal-azzard peress li dan it-tip ta' loghob jista' jkollu konsegwenzi socjali avversi.

**Ebda ksur tal-Artikolu 45 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem**

Illi primarjament in kwantu l-fatt li r-restrizzjonji fuq ir-reklamar ma tapplikax ghal reklami pubblikati barra minn Malta jigi rilevat li hemm gustifikazzjoni logika u oggettiva ghaliha stante li fl-esteru ma tistax tapplika l-ligi Maltija.

Illi wkoll in kwantu l-fatt li r-restrizzjoni fuq ir-reklamar lanqas ma tapplika ghal stabilimenti frekwentati minn turisti jigi rilevat li hemm distinzjoni bejn turisti li jigu ghal zmien qasir ghal skop ta' divertiment (uhud minnhom sahansitra jigu apposta biex jilghabu) u cittadini Maltin residenti permament f'Malta u ghalhekk ma' jistax isir it-tqabbil kif qed jippretendi r-rikorrent bejn dawn iz-zewg kategoriji billi huma soggetti ghal cirkostanzi socjali u ekonomici differenti.

Ghaldaqstant in vista tas-suespost din l-Onorabbli Qorti ghandha tichad it-talbiet kollha tar-rikorrent bl-ispejjez kontra tieghu.

Rat **is-sentenza ta' din il-Qorti** diversament presjeduta (Onor. Imhallef Giannino Caruana Demajo) **tal-10 ta' Novembru 2005** li biha giet deciza biss l-ewwel eccezzjoni tal-intimati li kienet fis-sens li t-talbiet tar-rikorrenti kienu frivoli kif gia' qalet il-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Giudikatura Kriminali fis-6 ta' Lulju 2004 fil-proceduri kriminali kontra r-rikorrenti. u li biha giet milqugha l-imsemmija l-ewwel eccezzjoni u inoltre ma qisitx aktar it-talbiet maghmula fir-rikors billi l-kwestjoni kienet wahda frivola.

Rat li r-rikorrenti appella min din is-sentenza.

Rat li **l-Qorti Kostituzzjonali bis-sentenza taghha tas-16 ta' Mejju 2006** iddisponiet mill-imsemmi appell billi laqghet l-istess appell fis-sens li hassret u rrevokat is-sentenza appellata tal-10 ta' Novembru 2005 u qeghded lill-partijiet fil-posizzjoni li kienu fiha immedjatament qabel ma nghatat is-sentenza appellata u bghatet lura l-atti tal-kawza lil din il-Qorti sabiex il-kawza tigi deciza skond il-ligi.

Semghat ir-rikorrenti minn jeddu u in kontro-ezami.

Semghat lix-xhieda Richard Mifsud, l-avukat Dr. Joe Zammit Maempel u l-avukat Dr Austin Bencini imsejjhin mir-rikorrenti.

Semghat lix-xhud Vincent Farrugia msejjah mill-intimati.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tar-rikorrenti.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet responsiva tal-intimati.

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti.

Rat li l-kawza giet differita sabiex tinghata s-sentenza.

**Ikkonsidrat**:-

Skond l-imsemmija sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali tas-16 ta' Mejju 2006 il-kompitu ta' din il-Qorti f'dan l-istadju hu li tisma' mil gdid il-kawza u tiddeciedi l-istess kawza skond il-ligi. In vista tan-natura u l-komplessita' tal-kawza ser jigu esaminati s-sottomissjonijiet tal-partijiet dwar il-varji kwestjonijiet konnessi mar-risoluzzjoni ta' din il-vertenza.

**Fatti rilevanti u d-deposizzjoijiet tax-xhieda**

Ir-rikorrenti fiz-zmien in kwestjoni kien l-editur tal-gazzetta 'The Sunday Times'u r-'riklam' mertu ta' dawn il-proceduri deher f'taqsima tal-imsemmija gazzetta li tissejjah 'social pages' li, skond l-istess rikorrenti, tittratta dwar avventimenti ta' natura socjali kif ukoll ta' interess pubbliku. Inoltre r-rikorrenti ddeskriva ir-reklam in kwestjoni bhala 'artikolett' li kien jittratta dwar offerta tas-socjeta kommercjali Go Mobile lill-klijent tal-Oracle Casino' li nghataw il-possibbilta' li jerbhu sa tletin telefon cellulari. Jidher li dan it-tip ta' artikolu jissejjah 'advertorial' u cioe' hu spazju moghti mill-editur li fih tista tinghata informazzjoni ta' interess generali u anke kummercjali generalment bla hlas.

Ghalhekk ir-rikorrent isostni li l-gazzetta ma titlobx hlas ghall-pubblikazzjoni ta' dan it-tip ta' artikolu. Li gara hu li xi sentejn wara li l-imsemmi artikolu gie pubblikat l-Ispettur tal-Pulizija Louise Vella baghtet ghar-rikorrenti u talbitu li jirrilaxxa stqarrija wara li gibdiltu l-attenzjoni li l-artikolu kien jikser ir-regoli tal-gaming ghaliex allegat li kien jikkostitwixxi reklam ghal Casino'. F'dan ir-rigward ir-rikorrenti jistqarr li huwa ma kienx konxju tal-fatt li kien qed jikser il-ligi semplicement ghaliex gie pubblikat l-imsemmi artikolu. Hawnhekk ukoll ir-rikorrenti rrefera ghall-magazine 'Malta This Month' li jitqassam fuq ajruplani u li generalment jikkontjeni reklami ta' Casinos. Ir-rikorrenti jirreferi ukoll ghall-fatt li hemm reklami ta' Casinos fl-ajruport stess.

In effett inbdew proceduri kriminali fil-konfront tar-rikorrenti. Gew esibiti kopja ta' l-istqarrija li rrilaxxja r-rikorrent meta gie interrogat u giet esibita ukoll kopja tal-

akkuzi dedotti kontra r-rikorrenti. Inoltre r-rikorrenti rrileva li fl-istess gazzetta in kwestjoni jigu reklamizzati r-rizultati tal-lottu, tas-Super 5 u minn xi zmien l’ hawn jidhru ukoll pagni shah b’dak li jissejjah 'U Bet' li huwa loghob tal-azzard fuq ir-rizultati tal-loghobiet tal-football u ta’ sport in generali. Dan il-loghob hu gestit mis-socjeta’ kummercjali Maltco, li nghatat l-licenzja biex tmexxi dan it-tip ta’ loghob mill-Gvern. Dawn kollha jitqiesu loghob ta' l-azzard izda dwar dawn ir-reklami r-rikorrenti qatt ma gie interrogat mill-Pulizija.

Xehed ir-responsabbli ghal relazzjonijiet pubblici tal-kumpanija JP Enterprising. Dan ix-xhud ikkonferma li huwa kien ghadda xoghol ta' reklamar lil Sunday Times f'isem il-klijent tieghu Oracle Casino’. L-imsemmi xoghol kien jnkludi r-reklam in kwestjoni. Dan ir-reklam kien forma ta’ artikolu in effett kien ‘press release’ ta’ Oracle Casino’ u li kienet giet mghoddija lil diversi gazzetti ohrajn, u skond ma jiftakar ix-xhud, il-parti l-kbira ta’ dawn il-gazzetti kienu ppubblikaw din il-press release.

Gie prodott biex jixhed l-Avukat Dr. Joseph Zammit Maempel, li minn Lulju tal-2003 sa Gunju tal-2008 kien okkupa l-kariga ta’ Chairman ta’ l-Awtorita’ tal-Loghob. Dan ix-xhud ikkonferma li l-Awtorita’ hi responsabbli ghal kull tip ta’ loghob, u hi ukoll responsabbli biex tohrog licenzji relattivi ghal kull min irid jorganizza xi-tip ta’ dan il-loghob. Ix-xhud irrefera ghall-Kapitolu 400 tal-Ligijiet ta’ Malta li jirregola l-Casinos. Ix-xhud ikkonferma li r-reklami dwar Casinos huma kompletament projbiti mentri r-reklamar tal-Maltco, li hi s-socjeta’ kummercjali li nghatat il-kontroll tal-loghob li qabel kien jigi organizzat mid-dipartiment tal-Lottu, huwa regolat mil-licenzja li nghatat mill-Gvern lill-istess Maltco. Ix-xhud qal ukoll li l-projbizzjoni dwar ir-reklamar tal-casinos hi intiza biss ghall-Maltin, u ghalhekk huwa permess reklamar meta r-reklam ikun ser jidher barra minn Malta u meta r-reklam ikun principalment indirizzat lejn turisti jew barranin, bhal dawk ir-reklami li wiehed isib fil-lounge ta’ l-Airport. Ix-xhud spjega li l-ligi taghmel distinzjoni fir-rigward ta’ l-eta’

ta’ min jista’ jattendi fil-casinos, cioe’ ghall-Maltin hemm divjet ghal min hu taht l-eta' ta' hamsa u ghoxrin sena, filwaqt li ghar-rigward tat-turisti u barranin dwn jistghu jidhlu fil-casino’ jekk ikunu ghalqu t-tmintax-il sena.

Ir-rikorrenti sejjah biex jixhed lill-Avukat Dr Austin Bencini, li hu direttur tas-socjeta’ Allied Newspapers Ltd sa mill-2003 u qabel kien is-Segretarju ta’ l-istess socjeta’. Ix-xhud ikkonferma li kwistjonijiet ta’ reklamar mill-lat kummercjali jaqghu esklussivament f’idejn il-Management, mentri jekk ikun hemm xi element editorjali tali kwestjonijiet ikunu ta’ kompetenza esklussiva ta’ l-edituri, u cioe' tar-rikorrenti ghar-rigward tal-imsemmija gazzaetta “The Sunday Times.” Hu interessanti li dan l-istess xhud ghamel distinzjoni bejn reklamar u promozzjoni ta' attivitajiet tas-socjetajiet kummercjali involuti. Ix-xhud iddikjara ukoll li mhuwiex fl-interess tal-Allied Newspapers Ltd li jigi permess li spazju fil-gazzetta jintuza ghal reklamar mohbi ghax dan igib dannu kummercjali notevoli stante li l-varji socjetajiet kummercjali b’hekk ikunu qed jiffrankaw li jhallsu ghar-reklam. In kontro-ezami, ix-xhud ikkonferma li d-decizjoni jekk il-materjal ikunx reklamar jew semplici kontenut editorjali hija l-prerogattiva ta’ l-editur.

Ir-rikorrenti, meta xehed, kkonferma li meta jkun każ ta’ write ups ta’ dan it-tip, normalment ikunu semi pubblicitarji, u ma jkunux reklami proprja. Ir-riorrenti qal li l-artiolu in kwestjoni kien forma ta’ write-up dwar l-attivitajiet ta’ l-istabbilment Oracle Casino’. Ir-rikorrenti qal li seta jinghad li l-artikolu kien jaghti xi forma ta’ pubblicita’ lill-post partikolari pero’ kien hemm raguni stante li kien hemm offerta li jinghataw mobile phones b’xejn. Ir-rikorrenti kkontenda li se mai r-reklam seta kien ukoll ghall-GO u cioe’ ghall-mobile phones tal-GO.

**Nota ta sottomissjonijiet tar-rikorrenti**

Ir-rikorrent Lawrence Grech ippreżenta nota ta’ sottomissjonijiet fejn fil-qosor issolleva s-segwenti punti rilevanti:-

## Dwar Legittimu Kontradittur

L-intimati qed jsostnu li hadd minnhom ma huwa l-legittimu kontradittur fil-kawza odjerna hlief l-Avukat Generali. Ir-rikorrent sostna li ħarrek korrettement lill-Kummissarju tal-Pulizija li ghandu interess dirett fil-proceduri odjerni in kwantu kien hu li inizja l-azzjoni kriminali kontra r-rikorrent u li mexxa u ghadu qed imexxi l-proceduri kriminali kontra r-rikorrenti quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali. Ir-rikorrenti jissottometti li kieku l-intimat Kummissarju tal-Pulizija ma giex hekk imharrek bhala intimat, il-gudizzju zgur li ma kienx ikun integru. Inoltre l-intimat l-Onorevoli Prim Ministru u Ministru tal-Finanzi gew imharrkin fil-vesti taghhom bhala responsabbli taht l-Att dwar il-Loghob u huma xi disposizzjonijiet ta' dan l-Att li qed jigu attakkati mir-rikorrenti f'dawn il-proceduri.

## Dwar in-natura tal-publikazzjoni in kwestjoni li deheret fis-Sunday Times

Il-presenti kawza tittratta dwar artikolu, li deher fil-harga tas-Sunday Times tas-17 ta' Dicembru 2000, liema artikolu gie deskritt mill-istess rikorrent bhala artikolett imsejjah "advertorial." Dan l-artikolu kien fil-forma ta' press release li jidher li ghalih il-gazetta ma tircevix hlas. Dan l-artikolu kien għarraf lill-pubbliku li saret offerta mill-Go Mobile fis-sens li klienti tal-Oracle Casino' setghu jirbhu numru ta' mobile phones. In vista ta' dan kollu r-rikorrenti jissottometti li dan l-artikolu ma jinkwadrax ruhu fit-tifsira tal-kelma "reklamar" taht l-Att dwar il-Loghob.

## Dwar ksur tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti

Ir-rikorrenti jfakkar li l-Artikolu 49(1)(a) u (b) u l-proviso ta' l-istess artikolu tal-Kapitolu 400 tal-Ligijiet ta' Malta (Att dwar il-Loghob) jipprovdu kif gej :- "Hadd ma ghandu jaghmel jew igieghel li jsir xi reklam - (a) li jkun jgharraf lill-pubbliku li xi fond f'Malta jkun fond li fih ikun isir jew ikun se jsir il-loghob bhala kazinò; jew (b) li jkun jistieden lill-pubbliku li jiehu sehem bhala gugatur f'xi logob li jsir, jew li jkun se jsir, f'xi fond bhal dak, jew li japplika ghal tagrif

dwar facilitajiet biex jiehu sehem, bhala gugatur, f'xi loghob li jsir, jew li jkun se jsir, f'xi fond bhal dak; jew izda dik ir-restrizzjoni fuq ir-reklamar m'ghandhiex tkun tapplika ghal dawk ir-reklami li jigu pubblikati, murijin jew imxandra barra minn Malta ghad-distribuzzjoni jew cirkolazzjoni taghhom barra minn Malta jew ghal dawk ir-reklami bhalma huma deskritti fis-subartikolu (1) li jintwerew f'imkejjen li jkunu principalment frekwentati minn turisti u li jinkludu ajruporti, portijiet tal-bahar, lukandi u holiday complexes izda ma tinkludix bars u ristoranti.”

F'dan ir-rigward ir-rikorrent jissottometti li huwa car li dan l-artikolu jilledi u jikser id-drittijiet fundamentali u kostituzzjonali tiegħu billi jcahhduh mid-dritt tal-liberta' ta' l-espressjoni kif protett mill-Artikolu 41 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-artikolu 10 tal-Konvenzjoni (Kapitolu 319 tal-Ligijiet ta' Malta - Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea) u jcahhduh wkoll mid-dritt ghall-protezzjoni minn diskriminazzjoni kif protett minn artikolu 45 tal-Kostituzzjoni.

**Dwar ksur tad-dritt tal-liberta' tal-espressjoni**

Ir-rikorrent irrefera għal-liberta tal-espressjoni kif sancit fl-artikolu 41 tal-Kostituzzjoni ta' Malta li testwalment jipprovdi –

“(1) Ħlief bil-kunsens tiegħu stess jew bħala dixxiplina tal-ġenituri, ħadd ma għandu jiġi mfixkel fit-tgawdija tal-libertà tiegħu ta' espressjoni, magħduda libertà li jkollu fehmiet mingħajr indħil, libertà li jirċievi idejiet u tagħrif mingħajr indħil, libertà li jikkomunika idejat u tagħrif mingħajr indħil (kemm jekk il-komunikazzjoni tkun lill-pubbliku in ġenerali jew lil xi persuna jew klassi ta' persuni) u libertà minn indħil dwar il-korrispondenza tiegħu.

(2) Ebda ħaġa li hemm fi jew magħmula skont l-awtorità ta' xi liġi ma għandha titqies li tkun inkonsistenti ma' jew bi ksur tas-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu safejn dik il-liġi tagħmel provvediment –

(a) li jkun meħtieġ raġonevolment -
(i) fl-interess tad-difiża, sigurtà pubblika, ordni pubbliku, moralità jew deċenza pubblika, jew saħħa pubblika; jew
(ii) sabiex jiġu protetti r-reputazzjonijiet, drittijiet u libertajiet ta' persuni oħra, jew il-ħajja privata ta' persuni li jkollhom x'jaqsmu ma' proċeduri legali, jiġi evitat il-kxif ta' tagħrif riċevut b'sigriet, tiġi miżmuma l-awtorità u lindipendenza tal-qrati, jiġu protetti l-privileġġi tal-Parlament, jew jiġu regolati t-telefonu, it-telegrafu, il-posta, ix-xandir bil-wireless, it-televiżjoni jew mezzi oħra ta' komunikazzjoni, esibizzjonijiet pubbliċi jew divertimenti pubbliċi; jew

(b) li jimponi restrizzjonijiet fuq uffiċjali pubbliċi, u ħlief safejn dak il-provvediment jew, skont il-każ, il-ħaġa magħmula skont l-awtorità tiegħu tiġi murija li ma tkunx raġonevolment ġustifikabbli f'soċjetà demokratika."

Ir-rikorrent issottometti li l-fatt li r-reklamar huwa protett taht l-artikolu 41 u 32(b) tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 10 tal-Konvenzjoni gie rikonoxxut mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem. Hawnhekk ir-rikorrenti jaghmel referenza ghas-sentenzi Markt Intern Verlag v Germany (1989) 12 EHRR 161; Casado Coca v Spain (1994) 18 EHRR 1, fejn kien gie ritenut li l-artikolu 10 jiggarantixxi l-liberta tal-espressjoni ta' kulhadd u ma jaghmilx distinzjoni bejn jekk l-espressjoni hijiex motivata ghal profitt jew le u kwindi l-artikolu 10 ma japplikax biss ghal certu tipi ta' informazzjoni, ideat jew forom ta' espressjoni bhalma huma dawk ta' natura politika izda jikkomprendi wkoll espressjonijiet artistici, informazzjoni ta' natura kummercjali, muzika u anke reklamar. Dan japplika ukoll ghall-arttikoli li jipproteggu dan id-dritt fundamentali fil-Koastutuzzjoni.

Ir-rikorrent isostni korrettement li l-poter inerenti tal-istat li jirregola attivita' ekonomika specifika ma jimplikax

awtomatikament il-poter tal-istat li jirregola l-espressjoni dwar tali attivita'. Ir-rikorrenti korrettement jissottometti li l-artikolu in kwistjoni icahhad lil settur partikolari ta' nies inkluzi l-edituri tal-gazzetti bhalu milli jezercitaw id-dritt tal-liberta' ta' l-espressjoni u dan billi jaghmlu riklami li jaghtu taghrif lill-pubbliku li f'xi fond f'Malta huwa permess li jsir loghob bhala kazino' jew li jistiednu lill-pubbliku biex jiehu sehem bhala gugaturi fil-kazino'. Inoltre stranament il-proviso tal-istess artikolu ma jnaqqax il-liberta' ta' l-espressjoni ghal dawk li jirreklamaw kazinos f'postijiet frekwentati mit-turisti.

L-artikoli kemm tal-Kostituzzjoni kif ukoll tal-Konvenzjoni li jipprotegu d-drittijiet fondamentali in kwestjoni jaghmlu eccezzjoni ghar-regola li kulhadd ghandu dritt ghal-liberta' tal-espressjoni u cioe' jekk l-interferenzi ghal dan id-dritt fondamentali jkunu preskritti minn ligi, jkunu bazati fuq wahda mill-eccezzjonijiet u jkunu ragjonevolment gustifikabbli f'socjeta' demokratika.

Il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, kemm-il darba, fissret dawn it-tliet rekwiziti li jiddeterminaw jekk l-interferenza fl-ezercizzju tad-dritt tal-liberta' ta' l-espressjoni ta' kull individwu kinetx gustifikata. Ikun hemm vjolazzjoni tad-dritt tal-liberta' ta' l-espressjoni jekk l-interferenza ma taqax fil-parametri ta' wahda mill-eccezzjonijiet li jaghmel is-sub-artikolu 2 tal-artikolu 41. Dawn ir-rekwisiti gew imfissra kif gej:-

- Interferenza preskritta mil-ligi - L-interferenza fl-ezercizzju tad-dritt tal-liberta' ta' l-espressjoni trid temana mil-ligi.

- L-interferenza fl-ezercizzju tad-dritt tal-liberta' ta' l-espressjoni kienet minhabba skop legittimu - Dan ifisser li l-interferenza kienet mehtiega ragonevolment fl-interess ta' l-ordni pubbliku.

- L-interferenza kienet necessarja f'socjeta' demokratika biex jintlahaq skop legittimu - It-test li wiehed irid jissodisfa ghal dan it-tielet kriterju hu li l-interferenza kienet tikkorrispondi ghal htiega socjali urgenti. Hawnhekk

il-Qorti ghandha certa diskrezzjoni biex tevalwa jekk din il-htiega socjali urgenti hijiex mehtiega. Il-Qorti trid tara jekk ir-ragunijiet moghtija mill-awtoritajiet nazzjonali biex jiggustifikaw l-interferenza humiex rilevanti u sufficjenti u jekk il-mizura li huma hadu kinetx proporzjonali ma' l-iskop legittimu li ried jigi milhuq bl-istess inteferenza. Il-Qorti Ewropea trid taccerta ruhha li l-awtoritajiet nazzjonali mxew mal-principji enuncati mill-artikolu 10 tal-Konvenzjoni. Il-Qorti trid ukoll taccerta ruhha li l-awtoritajiet nazzjoniali lahqu bilanc gust bejn il-protezzjoni tad-dritt tal-liberta' ta' l-espressjoni kif enuncjat fl-imsemmi artikolu 10 u min-naha l-ohra l-interess tal-ordni pubbliku.

L-eccezjoni li fuqha jidher li l-legislatur ibbaza r-restrizzjoni tal-liberta' tal-espressjoni anke ta' edituri bhal ir-rikorrenti fil-kaz in ezami hija fuq il-bazi li din ir-restrizzjoni hi mehtiega ragjonevolment fl-interess ta' l-ordni pubbliku. Hekk li n-nuqqas ta' reklamar ta' kazinos jghinu biex ma jhajrux lill-maltin jabqdu l-vizzju tal-loghob ta' l-azzard. In effett fis-sentenza preceedenti f'din l-istess kawza tal-10 ta' Novembru 2005 il-Prim'Awla tal-Qorti Civili rribadit li din in kwestjoni hi "restrizzjoni esklussiva ghal reklamar ibbazata fuq l-ordni pubbliku..."

Is-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet "Francis Paris et v Maltacom plc" deciza fis-7 ta' Ottubru 2004 taghmel referenza ghal dak li ghal Galgano li jikkostitwixxi ordni pubbliku u cioe' - "Nel suo insieme la formola legislativa esprime una esigenza di difesa dei valori fondamentali della societa' di difesa sia dei valori di natura collettiva, che attengono cioe' alla pacifica e civile convivenza fra gli uomini e al loro progresso economico e sociale, sia di valori di natura individuale, relativi alla liberta', alla dignita', alla sicurezza dei singoli. L'ordine pubblico e' costituito da quelle norme, anch' esse imperative, che salvaguardano i valori fondamentali sopra menzionati e che, tuttavia, non sono esplicitamente formulate dalle legge, ma che si ricavano per implicito dal sistema legislativo dai codici e dalle altre leggi ordinarie e, sopratutto, dalla Costituzione."

Skond ir-rikorrenti fil-kaz tal-artikolu 49 tal-Kapitolu 400 il-legislatur bl-ebda mod ma huwa qieghed jiddefendi l-valuri fondamentali tas-socjeta’ u bl-ebda mod ma qieghed jipprotegi lic-cittadini Maltin milli jaqbdu l-vizzju tal-loghob ta’ l-azzard. Casinos jesistu f’Malta u huma licenzjati biex joperaw. Dejjem skond ir-rikorrenti dawn huma rikonoxxuti mill-istat Malti tant li huma permessi u accessibli ghal cittadini Maltin u kwindi l-interess pubbliku Malti gie mqieghed fil genb mill-istat u ghalhekk hija biss kosmetika l-projbizzjoni dwar ir-reklamar fuq gustifikazzjoni li qed tissalvagwardja l-interess pubbliku. Ghalhekk sewwa jissottometti r-rikorrenti li hu minnu li l-ligi tippermetti reklamar ta’ kazinos f’postijiet principalment frekwentanti mit-turisti bl-ghan li jattiraw iktar turisti lejn il-gzejjer Maltin u kwindi dan juri li l-finijiet turistici qed iservu ta’ paraventu biex riklami li jippromwovu l-loghob ta’ l-azzard jithallew jintwerew.

Inoltre r-rikorrenti jissottometti li nonostante li m’hemmx restrizzjoni fuq dawn it-tip ta’ reklami f’postijiet principlamnet frekwentati mit-turisti wiehed m’ghandu l-ebda garanzija li l-Maltin mhumiex se jigu f’kuntatt ma’ dawn it-tip ta’ reklami, per ezempju fl-ajruport. In effett fis-settur tat-turizmu hemm hafna Maltin jahdmu, nies minn kull faxxa tas-socjeta’ u ta’ kull eta’. Dan apparti l-fatt li anke meta jsiru dawn it-tip ta’ reklami ghall-finijiet turistici dawn xorta jkunu qed isiru f’territorju Malti u ghalhekk xorta ma jkunux qed jipprotegu l-ordni pubbliku ta’ Malta. Inoltre in-nuqqas tar-ragjonevolezza ta’ dawn ir-restrizzjonijiet hija aktar lampanti minhabba l-metodi l-godda ta’ komunikazzjoni li jaqsmu l-fruntieri facilment u li ftit li xejn jista’ wiehed izomm milli jkun hemm reklamar jew gharfien iehor fit-territorju Malti dwar loghob tal-azzard jew loghob iehor.

Ghalhekk jista jinghad li r-restrizzjoni tal-liberta’ ta’ l-espressjoni fil-kaz in ezami ma kinetx ragonevolment mehtiega fl-interess ta’ l-ordni pubbliku u mhix gustifikabbli f’socjeta’ demokratika. Hemm limitazzjonijiet ghar-reklamar ta casinos izda mhux l-istess ghal logob iehor tal-azzard bhalma huwa is-Super 5, Bingo u U*BET. Dan il-loghob tal-azzard mhux inkluzi fl-artikolu in

kwestjoni tal-Kapitolu 400 u kwindi m'hemmx l-istess restrizzjonijiet ghar-rigward tal-edituri tal-gazzetti li jirreklamaw dawn it-tip ta' loghob ta' l-azzard u ghalhekk m'hemmx restrizzjoni ghal-liberta' tal-espressjoni taghhom.

Il-Qorti taqbel mal-kokluzjonijiet li wasal ghalihom ir-ikorrenti f'dan ir-rigward u cioe' li l-liberta' ta' l-espressjoni tieghu bhala editur giet ristretta minnghajr in-necessita' rikjesta f'socjeta' demokratika. Is-sanzjonijiet fil kaz in ezami zgur li jikkostitwixxu tfixkil u ndhil fil-liberta' ta' espressjoni tar-rikorrenti billi hu zgur li fil-futur l-ezercizzju ta' dik il-liberta' ser tkun menomata.

In vista tal-premess jista jinghad ukoll Li ghalkhemm hu minnu li l-limitazzjoni in kwestjoni temana mil-ligi pero' l-istess interferenza fl-ezercizzju tad-dritt tal-liberta' ta' l-espressjoni ma kienitx ghal skop legittimu u lanqas ma kienet ma jirrizulta sufficjentement li l-interferenza kienet mehtiega ragonevolment fl-interess ta' l-ordni pubbliku. Hu zgur li minhabba l-istess raguijiet l-istess interferenza ma kienitx necessarja f'socjeta' demokratika u bl-ebda mod ma seta jintlahaq xi skop legittimu. Ma jirrizultax li l-interferenza kienet tikkorrispondi ghal htiega socjali u tali htiega ma tidhrx li tikkorrispondi ghal xi htiega socjali urgenti li hi necessarja. In effett jirrizulta li r-ragunijiet moghtija mill-intimati biex tigi gustufikata mhux rilevanti u ghalhekk l-istess mizura li ttiehdet ma hiux proporzjonata ma' l-iskop legittimu li ried jigi milhuq. .

**Ksur tad-dritt ta' protezzjoni minn diskriminazzjoni**

Fis-sottomissjonijiet tieghu r-rikorrent ikwwota l-artikolu rilevanti tal-Kostituzzjoni li jistipula s-segwenti:-

**“45.** (1) Bla ħsara għad-disposizzjonijiet tas-subartikoli (4), (5) u (7) ta’ dan l- a r t ikolu, ebda liġi ma għandha tagħmel xi disposizzjoni li tkun diskriminatorja sew fiha nnifisha jew fl-effett tagħha.

(2) Bla ħsara għad-disposizzjonijiet tas-subartikoli (6), (7) u (8) ta’ dan l-artikolu, ħadd ma għandu jiġi trattat b’mod diskriminatorju minn xi persuna li taġixxi bis-saħħa ta’ xi liġi miktuba jew fil-qadi tal-funzjonijiet ta’ xi kariga pubblika jew xi awtorità pubblika.

(3) F’dan l-artikolu, il-kelma "diskriminatorju" tfisser għoti ta’ trattament differenti lil persuni differenti attribwibbli għal kollox jew prinċipalment għad-deskrizzjoni tagħhom rispettiva skont ir-razza, post ta’ oriġini, opinjonijiet politiċi, kulur, fidi jew sess li minħabba fihom persuni ta’ deskrizzjoni waħda bħal dawn ikunu suġġetti għal inkapaċitajiet jew restrizzjonijiet li persuni ta’ deskrizzjoni oħra bħal dawn ma jkunux suġġetti għalihom jew ikunu mogħtija privileġġi jew vantaġġi li ma jkunux mogħtija lil persuni ta’ deskrizzjoni oħra bħal dawn.”

Ir-rikorrenti jissottometti f’dan ir-rigward li l-ksur tal-liberta’ ta’ l-espessjoni u l-ksur tal-protezzjoni minn diskriminazzjoni huma konnessi. L-imsemmi artikolu tal-Kapitolu 400 jipprojbixxi lil edituri tal-gazzetti milli jesprimu ruhhom u dan bla ebda bazi gustifikabbli f’socjeta’ demokratika u kwindi dan iwassal ghal agir diskriminatorju. Il-Qorti ma taqbilx ma dawn ir-ragunamenti. WAhda mhux bilfors issegwi l-ohra.

L-Artikolu 45 tal-Kostituzzjoni jghid li “l-ebda ligi m’ghandha taghmel xi dispozizzjoni li tkun diskriminatorja sew fiha nnifisha jew fl-effett taghha.” Gie diversi drabi ritenut li tista tissussisti id-diskriminazzjoni biss meta persuni f’sitwazzjonijiet simili jigu trattati b’mod differenti minghajr ebda gustifikazzjoni ragjonevoli u oggettiva, kif ukoll fejn ma hemmx proporzjonalita’ ragjonevoli bejn il-mezzi u l-ghan intenzjonat. Ghalhekk f’danir-rigward ir-rikorrent irid jipprova li f’sitwazzjonjiiet analogi gie trattat b’mod ingust b’paragun ma’ persuni ohra f’sitwazzjoni analoga.

Ir-rikorrenti ikompli jsostni li rrizulta li l-artikolu in kwestjoni gie mqassam mhux biss lill-gazzetta in kwestjoni imma lil diversi gazzetti li hafna minnhom ippubblikawh. Ghalhekk kellhom jinbdew l-istess proceduri kriminali kontra edituri ta' gazzetti ohra. Jekk dan ma sarx l-agir tal-pulizjia kontra r-rikorrenti kien wiehed diskriminatorju skond ir-rikorrenti. Ghalhekk ir-rikorrent jissottometti ukoll li fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz l-artikolu 49 ghandu jigi konsidrat li jikser il-kuncett ta' diskrimazzjoni kif sancit fil-Kostituzzjoni u li l-artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropea.

**Punti saljenti u rilevanti f'dan l-istadju tan-nota ta' sottomissjonijiet tal-intimati**

**Sottomissjonijiet Preliminari**

L-intimati jeċepixxu li f'kawża kostituzzjonali fejn qed tigi attakata liġi sabiex jigi deciz jekk l-istess ligi hix konformi mal-Kostituzzjoni u mal-Konvenzjoni Ewropea had-Drittijiet tal-Bniedem, l-intimat dejjem ikun l-Avukat Ġenerali. Il-Kummissarju tal-Pulizija, l-Onorevoli Prim Ministru u l-Ministru tal-Finanzi m'ghandhomx il-funzjoni ta' l-irregolar tal-loghob f'Malta. Inoltre hawnhekk qed tiġi attakata l-liġi u mhux l-aġir tal-Pulizija u allura l-Pulizija għalkemm għandhom x'jaqsmu mal-kawża kriminali zgur li m'għandhom x'jaqsmu xejn mal-kawża odjerna.

**Diskriminazzjoni**

Il-liġi kontestata tapplika għal kulħadd u għal kulħadd indaqs hi min hi l-persuna li tixtieq tagħmel reklamar ta' każinos.

L-intimati jsostnu li l-iskop tal-imsemmi proviso hu wieħed oġġettiv u raġjonevoli u qiegħed hemm biex jagħmel restrizzjonijiet fuq reklamar ta' każinos u mhux biex joħloq xi tip ta' diskriminazzjoni. Dan kollu, skond l-intimati, japplika ukoll ghall-artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewoprea li jittratta ukoll dwar diskriminazzjoni. Skond l-intimati r-rikorrent ma speċifikax ir-raġuni għalfejn qed jallega li hemm diskriminazzjoni cioe' ma semma l-ebda '*ground*' li

fuqu qed jibbaża din l-allegata diskriminazzjoni. Allura kif jista' r-rikorrenti jippretendi li jinstab ksur ta' l-Artikolu 45 tal-Kostituzzjoni jew ta' l-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropea? Dan kollu japlika ghat-tieni parti tal-proviso in kwestjoni.

L-intimati jaghmlu ukoll xi osservazjonijiet dwar xi punti mqajma mir-rikorrenti, li ukoll ghamel referenza ghal xi sentenzi li skond l-intimati ċ-ċikostanzi u l-fatti taghhom huma totalment differenti minn dawk tal-każ odjern. Dwar in-natura tal-artikolu in kwestjoni u jekk dan l-'artikolett' ghandux jitqies li hu reklam, din hi kwestjoni li tista titqies li hi ta' importanza marginali jekk mhux ghal kollox irrilevanti ghal finijiet tal-presenti sentenza. Il-fatt li ma kienx hemm hlas ghal dan l-artikolett ukoll hu irilevanti ghal fini tal-presenti sentenza. Din is-sentenza tittratta dwar jekk l-imsemmi artikolu 49 huwiex anti-kostituzzjonali jew le u jekk jilledix id-drittijiet tar-rikorrent kif sanċiti mill-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni Ewropea. Jista jkun li ma sarx hlas sabiex jigi ppubblikat l-artikolu in kwestjoni.

Jigi ribadit li dan il-fatt mhux pertinenti ghal finijiet ta' din is-sentenza pero' jista jinghad li generalment editur ta' gazzetta jaqbel li jigi pubblikat l-artikolu minhabba xi fatturi li jikkostringuh li jaghmel hekk. Tali fatturi jistghu jkunu li min ikun jixtieq li l-artikolu jigi pubblikat ikun klijent tajjeb tal-gazzetta u jkun jaghmel hafna reklami ma tul certu periodu u kwindi l-editur jippublika l-artikolu. Ovvjament jista jkun hemm fatturi ohra u b'hekk l-artikolu jigi pubblikat. Ghalhekk ma jistax jinghad li strettament m'hemmx hlas meta jigi pubblikat tali artikolu. Kwindi artikolu bhal dak in kwestjoni jissemma bhala "advertorial." Jista ukoll jkun hemm hlas ghal pubblikazzjoni tal-artikolu u dan meta min ikun irid igib il-reklam f'gazzetta, ihallas ghall-ispazju li ser jiehu ir-reklam fil-gazzetta u l-editur jikkoncedi tali spazju fil-forma ta' artikolu. ("advertorial."). Lanqas ma hu rilevanti dak li gie allegat mir-rikorrenti li hu ma kienx jaf li potenzjalment kien qed jikser il-ligi meta ppubblika l-artikolu in kwestjoni.

L-intimati jikonkludu billi jissottomettu li din hija kwistjoni dwar liġi li hija magħmula bi skop u b'għaqal mil-leġislatur,

liġi fejn il-leġislatur pprova joħloq bilanċ bejn l-interessi soċjali u dawk ekonomiċi ta' pajjiżna, liġi li għalkemm tippermetti l-logħob fil-każinos għaliex dan huwa fl-interess ta' l-ekonomija ta' pajjiżna speċjalment fir-rigward tas-settur turistiku, liema settur jifforma parti sostanzjali mill-ekonomija ta' pajjiżna, fl-istess waqt qed tipproteġi lill-Maltin minn reklami li l-iskop tagħhom huwa wieħed kummerċjali biss u li jista' jwassal għal problemi fis-soċjeta' Maltija.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti:**

Il-kwistjoni li trid tigi deciza hi jekk l-imsemmija restrizzjoni fuq ir-reklamar ta' postijiet ta' logħob ta' l-azzard tiksirx id-dritt fondamentali ta' l-espressjoni tar-rikorrenti u jekk hijiex diskriminatorja fin-natura tagħha minħabba li tiddiskrimina bejn Maltin u persuni mhux maltin bħala 'target audience' ghal min jirriklama.

Il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bħala Qorti ta' Gudikatura Kriminali rriteniet, fil-provvediment tagħha tas-6 ta' Lulju 2004, hekk - "Din hija restrizzjoni esklussiva ghal reklamar ibbażata fuq l-ordni pubbliku u b'ebda mod ma timplika xi restrizzjoni fuq l-espressjoni ta' xi fehma individawali dwar il-logħob ikkontemplat fl-att imsemmi u wisq inqas ma tista timplika xi diskriminazzjoni kontra min għandu jagħmel jew iġiegħel li jsir xi riklam. Għalhekk issib li t-talba tad-difiża hija sempliċement frivola u tirrespinġiha." Il-Qorrti ta' l-Appell pero' ma qablitx ma' din il-konklużjoni u għalhekk issa d-dmir ta' din il-Qorti hu li tinvestiga mill-gdid l-imsemmija kwestjonijiet.

**Dwar l-eccezzjoni ta' leġittimu kuntradittur f'din il-kawża**

Il-Qorti taqbel li l-intimat il-Kummissarju tal-Pulizija hu legittimu kontrdittur f'dawn il-proceduri infatti l-istess intimat għandu interess minħabba li kien huwa li inizja l-proċeduri kriminali li ghadhom pendenti kontra r-rikorrenti

u li wasslu ghal presenti proceduri. In vista ta' dak li jipprovdi l-artikolu 181B tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta) l-intimati Onorevoli Prim Ministru u Ministru tal-Finanzi m'ghandhomx ikunu involuti f'proceduri bhal dawn u l-istess artikolu fis-sub-artikolu (2) jistipula li l-Avukat Generali ghandu jirrappresenta l-Gvern fl-atti gudizzjarji li ma jkunux jistghu jigi diretti kontra l-Kap tad-Dipartiment minhabba n-natura tat-talba, appuntu kif huwa l-kaz hawnhekk. Ghalhekk l-intimati Onor. Prim Ministru u Onor. Ministru tal-Finanzi mhux legittimi kontrditturi f'din il-kawza. Ghalhekk ukoll aparti l-Kummissarju tal-Pulizija, l-Avukat Generali hu legittimu kontradittur. Kwindi l-intimati Onor. Prim Ministru u Ministru tal-Finanzi ghandhom jigu liberatimill-osservanza tal-gudizzju. Ghalhekk ukoll il-Qorti ma taqbilx mas-sottomissjoni tar-rikorrenti li potenzjalment il-kawza ser tolqot leġiżlazzjoni maħruġa fil-funzjoni tal-initimati Prim Ministru u Ministru tal-Finanzi u bħala responsabbli għall-qasam tal-loghob tal-azzard ħalqu l-politika li tkun il-bażi ta' liġi in kwestjoni. Fl-ewwel lok mhux ir-rwol tal-imsemmija intimati li jirregolaw l-imsemmi qasam u fit-tieni lok huma semmai jistghu jkunu responsabbli politikament ghal dak li gie legislat tramite l-artikolu in kwestjoni pero' sussegwentememnt hu d-Dipartiment tal-Gvern li hu responsabbli ghat-thaddim tad-disposizzjoni tal-ligi in kwestjoni.

**Dwar id-dritt fondamentali tal-libertà ta' l-espressjoni**

Dan id-dritt hu definit fl-Artikolu (1) tal-Kostituzzjoni bħala *libertà ta' kull bniedem li jkollu fehmiet mingħajr indħil, libertà li jirċievi ideat u tagħrif mingħajr indħil, libertà li jikkomnunika idejat u tagħrif mingħajr indħil … u libertà minn indhil dwar il-korrispondenza tiegħu.*

Ir-rikorrent jikkwota ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem u b'dan isostni li l-artikolu 10 tal-Konvenzjoni jiggarantixxi l-libertà ta' l-espressjoni mingħajr distinzjoni jekk din l-espressjoni hijiex motivata għall-profitt jew le. Ghalhek hu minnu li l-istat għandu kull dritt li jirregola attività kumercjali, iżda ma jistax jillimita l-

espressjoni libera tal-bniedem dwar dik l-attività anke jekk tali attivita hi ta’ natura kummercjali.

Jidher illi l-pern tal-kwistjoni hija jekk l-“advertorial” in kwestjoni jikkwalifikax bhala ‘ideat jew tagħrif’ u għaldaqstant huwiex protett mill-Kostituzzjoni. Il-Qorti taqbel ma dak li gie sottomess mill-rikorrenti.. In effett ir-rikorrenti l-ewwel indika t-tliet elementi li jridu jissussistu biex tkun possibbli limitazzjoni jew intromissjoni fid-dritt tal-libertà tal-espressjoni. Dawn gia gew ampjament ittrattati f’din il-presenti sentenza. Kif gia nghad ma hemmx valur fundamentali ghas-soċjetà li qed jiġi difiż b’din il-liġi u inoltre lanqas ma hija b’mod effettiv tipproteġi lis-socjeta’ maltija mill-vizzju tal-logħob ta’ l-azzard. In effett hu aktar minnn possibli li jintlaħqu l-Maltin b’dawn ir-reklami u allura xorta l-maltin se jiġu esposti għal dan it-tip ta reklamizzar. Barra minn hekk ħafna Maltin jahdmu fis-settur turistiku li allura jistgħu jiġu facilment esposti għal riklami bħal dawn. Jista facilment jinghad llum il-mezzi tal-komunikazzjoni jxejnu l-utilità ta’ restrizzjoni bħal din għaliex iċ-ċittadin xorta għandu access għal riklami bħal dawn u anki logħob ta’ l-azzard tramite l-internet. Għaldaqstant ma jistax jitqies illi din hija restrizzjoni meħtieġa f’soċjetà demokratika.

Inoltre ghandu ukoll jigi konsidrat il-fatt li filwaqt li huwa pprojbit reklamar ta’ casinos, ma jidhirx li huwa l-każ għall-logħob bħalma huma Super 5, Bingo, eċċ. L-intimati jgħidu li mhuwiex neċessarjament minnu li dan ta’ l-aħar huwa aktar vizzjuż mil-logħob fil-każinos. Il-kwestjoni jekk huwiex iktar vizzjuz jew le hi effettivament rrilevanti. Il-fatt hu li z-zewg tipi ta l-oghob huma daqtant perikoluzi u jistghu jwaslu ghal problemi socjali. Alura ghaliex ir-reklamar ta loghob wiehed hu pprojbit ghall-maltin menti l-loghob liehor hu permess li jigi reklamat.

**Dwar id-diskriminazzjoni**:

Ir-rikorrenti jgħid li saret diskrminazzjoni kontrih minħabba li l-liġi twaqqfu mil-libertà ta’ l-espressjoni għaliex huwa jaqa’ fil-klassi ta’ edituri ta’ gazzetti li jaqgħu taħt din il-projbizzjoni. Persuni oħra li jirreklamaw il-każinos

f'postijiet prinċipalment intiżi għat-turisti ma jaqgħux taħtha u għalhekk huma vantaġġjati a kuntrarju tar-rikorrent. Jaċċenna wkoll għax-xhieda ta' Richard Mifsud fejn jgħid li l-maġġoranza tal-gazzetti l-oħrajn kienu ppubblikaw dan l-artikolett. L-edituri ta' dawn il-gazzetti ma tressqux kriminalment għal dan, kuntrarjament għar-rikorrent. Jirreferi għal Jacobs li jgħid li d-diskriminazzjoni hija abbużiva jekk id-distinzjoni ma għandhiex ġustifikazzjoni oġġettiva u raġjonevoli.

Dwar dan il-punt ta' diskriminazzjoni, hu zgur li t-trattament (taħt l-artikolu tal-liġi) huwa identiku ghall-persuni kollha fl-istess kategorija, u cjoe' edituri li jippubblikaw ġurnali u/jew gazzetti mmirata lejn il-pubbliku Malti fis-suq lokali u ghalhekk ma hemmx diskriminazzjoni. Għalkemm ir-rikorrent allega illi edituri l-ohra li ppubblikaw l-istess materjal, ma gewx inizjati kontra taghhom proceduri kriminaali bhal fil-kaz tieghu, l-ebda wiehed minn dawn l-edituri ma ngieb jixhed f'dawn il-proceduri u hadd ma ikkonferrma li l-artikolu in kwestjoni gie pubbilkat f'xi gazzetta ohra u li l-editur relattiv ma giex assoggettat ghal proceduri kriminali. Dan il-fatt lanqas ma gie pprovat b'xi mod iehor. Ghalhekk hu zgur li d-diskriminazzjoni allegata mir-rikorrenti bl-ebda mod ma giet pruvata.

**Għandu jiġi kkunsidrat ukoll:**

Illi huwa veru illi jista' jkun hemm xi interess illi ċ-ċittadin jiġi protett minn tentazzjonijiet li jistgħu jwassluh għal problemi finanzjarji, li fl-aħħar mill-aħħar ifisser problemi soċjali. Iżda wieħed irid jara kemm dan, fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz, huwa ġustifikat f'soċjetà demokratika moderna. Hemm attivitajiet oħrajn, bħal tipjip u xorb, illi wkoll jista' jkollhom konsegwenzi għaċ-ċittadin, iżda ma hemmx projbizzjoni dwar ir-reklamar tagħhom. Id-droga hija vizzju ieħor li twassal għal problemi soċjali imma din hija illegali u għalhekk ir-reklamar dwarha huwa illegali. Iżda l-logħob ta' l-azzard mhuwiex fih innifsu illegali. Dan sar accenn ghalih mir-rikorrent.

Illum il-ġurnata, bil-proliferazzjoni ta' internet u mezzi oħrajn ta' komunikazzjoni, iċ-ċittadin Malti jiġi espost xorta waħda għal reklami dwar logħob ta' l-azzard. Il-Qorti ma taqbilx illi l-logħob ta' l-azzard huwa aktar perikoluż minn *online gaming* għaliex f'dan ta' l-aħħar, hemm il-possibbiltà li jintużaw karti ta' kreditu li jwasslu għal djun kbar ukoll. Barra minn hekk, iċ-ċittadin malti xorta jista' jara reklami ta' *casinos* fuq l-internet – anke dawk Maltin. Il-preżenza ta' reklami mmirati lejn turisti tkompli ssaħħaħ din it-teżi – iċ-ċittadin huwa espost għal reklami dwar casinos ukoll f'magazines bħalma huma dawk fuq ajruplani jew f'postijiet fejn l-udjenza mmirati huma turisti. Li jkun hemm linji gwida għal tali reklamar (bħalma huwa per eżempju r-reklamar fuq it-tipjip) huwa aċċettabbli, iżda mhux restrizzjoni daqshekk kategorika bħalma hija dik fil-liġi in kwestjoni. Il-fatt illi normalment pubblikazzjonijiet jiġu *vetted* mill-Awtorità ma jnaqqasx minn dan għaliex tali *vetting* ma jnaqqasx mill-assolutezza tad-dispożizzjoni in kwistjoni.

F'soċjetà demokratika moderna, iċ-ċittadin huwa infurmat u jagħmel għażliet bażati fuq informazzjoni. M'għadhiex tissussisti t-teżi ta' protezzjoniżmu żejjed, għaliex b'dana ċ-ċittadin ikun qed jiċċaħħad mid-dritt li jagħmel għażla infurmata; u min jixtieq jippubblika informazzjoni bħalma huwa dan l-artikolu m'ghandux jigi rinfaccjat minn proceduri kriminali.

Dana kollu, ma jfissirx illi ma jkunx hemm ksur fejn hemm dispożizzjoni li assolutament tipprojbixxi dan il-"commercial speech" speċjalment fejn hemm dubju jekk dak li huwa ppubblikat huwiex reklam jew sempliċement informazzjoni kummerċjali. Għalhekk jista' jinghad illi qed jigi lez id-dritt ta' espressjoni fejn wiehed jinforma l-pubbliku dwar zviluppi fis-settur li huwa l-gaming, attivita' kummerċjali regolata mill-awtoritajiet Maltin u ghalhekk mhux attivita' illegali.

**KONKLLUZJONIJIET**

Ghalhekk in vista ta’ dak kollu li gie premess l-ewwel talba ghandha tigi milqugha limitatament billi jigi ddikjarat illi l-Artikolu 49 tal-Att Dwar il-Loghob’ Kap 400 tal-Ligijiet ta’ Malta, jilledi d-drittijiet fundamentali u kostituzzjonali tar-rikorrenti kif protetti bl-Artikolu 41 u bl-Artikolu 32(b) tal-Kostituzzjoni ta’ Malta u l-Artikolu 10 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem, in kwantu jilliedi d-dritt tal-liberta’ ta’ espressjoni, pero’ fl-istess hin din l-istess talba ghandha tigi michuda kif ibbazata fuq l-allegazzjoni li gew lesi l-istess drittijiet tar-rikorrenti minhabba diskriminazzjoni.. Ghalhekk ukoll it-talba tar-rikorrenti sabiex jigi dikjarat bhala null u bla effett l-istess Artikolu 49 tal-Kap 400 tal-Ligijiet ta’ Malta.timmerita li tigi akkolta. Konsegwentement ukoll peress li jirrizulta li l-akkużi migjuba kontra r-rikorrenti fil-proceduri kriminali li taw lok ghal din il-kawza. Peress li l-istess akkuzi huma bbazati fuq liġi li hi lesiva tad-dritt tal-espressjoni kwindi għandu jinghata xi tip ta’ rimedju lir-rikorrent. Dan ir-rimedju ghandu jkun li l-imsemmija proċeduri kriminali jigu dikjarati nulli u mingħajr effett.

Dwar l-eċċezzjonijiet tal-intimati l-eccezzjoni tal-intimati kif ibbazata fuq l-allegazzjoni li l-kawza hi frivola u vessatorja gia giet ittrattata u deciza mill-Qorti Kostituzzjonali. L-eccezzjonijiet rigward il-legittimi kontraditti timmerita li tigi michuda in parte stante li jirrizulta li l-intimati Kummissarju tal-Pulizija u L-Avukat Generali huma in effett legittimi kontradittur. L-eċċezzjoni l-ohra kolha ghandhom ukoll jigu michuda.

Ghal dawn il-motivi kollha

**Tiddeciedi** dwar it-talbiet tar-rikorrenti u dwar l-eccezzjonijiet billi fl-ewwel lok tilqa in parte l-eccezzjoni tal-intimati dwar il-legittimi kontradittur u tiddikjara li l-Avukat Generali u l-Kummissarju talk-Pulizija huma l-unici legittimi kontradittur mentri l-intimati l-ohra kollha mhux il-legittimi kontradittur u b’hekk tillibera lill-intimati Onorevoli Prim Ministru u Onorevoli Ministru tal-Finanzi mill-osservanza tal-gudizzju. Tichad l-eccezzjonijiet l-ohra kollha tal-intimati.

Dwar it-talbiet tar-rikorrenti, dejjem fil-konfront tal-intimati Kummissarju tal-Pulizija u Avukat Generali, tilqa l-ewwel talba tar-rikorrenti pero' limitatament kwantu din hi bbazata fuq l-allegazzjoni li l-ligi in kwestjoni cioe' l-artikolu 49 tal-Att Dwar il-Loghob Kap.400 tal-Ligijiet ta' Malta jilledi d-drittijiet fundamentali u kostituzzjonali tar-rikorrenti kif protetti bl-artikolu 41 u bl-artikolu 32(b) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 10 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem, in kwantu jmur kontra l-liberta' ta' espressjoni. Fl-istess hin pero' tichad l-istess l-ewwel talba kif ibbazata fuq l-allegazzjoni li l-istess artikolu tal-Kapitolu 400 tal-Ligijiet ta' Malta jilledi d-drittijiet fundamentali u kostituzzjonali tar-rikorrenti kif protetti mill-Artikolu 45 tal-Kostituzzjoni ta' Malta w l-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet Fundamental ital-Bniedem in kwantu joholqu diskriminazzjoni. Bhala rimedju tiddikjara l-istess artikolu 49 bhala null u bla effett u tiddikjara li l-imsemmija dikjarazzjoni dwar in-nullita' tal-imsemmi artikolu 49 hi bizzejed bhala rimedju u m'hemmx ghalfejn jinghata rimedju ulterjuri lir-rikorrenti.

In vista tac-cirkostanzi specjali tal-kaz l-ispejjez kollha jithallsu mill-intimati in solidum bejnithom.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------